# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 16 ta' Ġunju, 2022**

**Numru**

**Rikors Numru: 951/2018 TA**

**David Formosa (K.I. 108446M)**

**Vs.**

**Stephen Formosa (K.I. 177948M)**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-Attur ippreżentat u maħluf fis-26 ta' Settembru 2018 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

> **1.**"Illi permezz ta' dikjarazzjoni (anness u mmarkat bħala Dok A), l-intimat obbliga ruħu li jħallas lir rikorrent David Formosa, is-somma ta' ħmistax-il elf lira maltin (LM15,000) li jammontaw għal erbgħa u tletin elf, disa' mija u erbgħin euro u sittin ċenteżmu (€34,940.60) ammont li l-istess konvenut kien żamm f'isem ir-rikorrenti wara kuntratt ta' beigħ u qatt ma għaddiehom lill-esponenti:
>
> **2.** Illi fil-fatt dan il-ftehiem kien seħħ wara li l-esponenti sar jaf illi il-kuntratti li kienu saru fl-14 ta' Novembru 2006 quddiem in-Nutar Rachel Mallia u n-Nutar Margaret Heywood (kopji annessi u mmarkati bħala Dok B) li kienu jirrigwardaw propjeta wirt tal-familja, ma kienux kuntratti ta' tpartit kif kien ġie miftiehem bejn il-partijiet kollha ikkonċernati, fejn l-esponenti kellu jbiegħ l-iqsma f'uħud mill-propjetajiet lil-familjari u jakkwista l-iqsma tagħhom fil-propjeta fejn kien jirrisjedi li kien in-numru għaxra, (10) ġewwa Triq Amery, f'tas-Sliema liema kuntratti ikkonfermaw li kellu

d-dritt li jirrisjedi u fil-fatt baqa' jgħix wara dan il-kuntratt. Fil-fatt skond dan l-istess kuntratt l-esponenti kellu jitħallas s-somma ta' LM15,000 liema somma nżammet mill-intimat għax l-esponenti ma kellux ideja kellu jiġbor xi flus peress illi kien mingħalih li kien tpartit u kien akkwista aktar iqsma fil-propjeta 10, Amery Street, Sliema;

**3.** Illi l-esponenti sar jaf b'dan l-ingann wara li kien mar għand it-tabib għax ħassu ma jiflaħx, li qallu li kieku ma marx għandu probabilment kien jmut u għalhekk ried jiżgura li t-tifel tiegħu jkollu d drittijiet u għalhekk kien mar għand in-nutar biex jġib il-kuntratti għax qatt ma kien irċieva xejn u hekk kif l-esponenti sar jaf li huh kien daħaq biħ u xtara sehemhu, ikkonfronta lil-intimat, li kien ammetta li xtarha sehemu u li saħansitra l-flus kien baqgħu għandu u li kien ser jibda jħallsu fl-ammont ta' elf euro fix-xahar u fil-fatt saru erbgħa pagamenti fl-ammont ta' €4,000 bejn Novembru 2016 u Jannar 2017, għalhekk l-ammont dovut huwa ta' tletin elf, disa mija u erbgħin euro u sittin ċenteżmu (€30,940.60) oltre l-imgħax:

**4.** Illi di piu eventwalment permess ta' kuntratt ieħor l-esponenti ċeda d-drittijiet tiegħu li jgħix fid-dar 10, Amery Street, Sliema, u mar jgħix ġo dar ieħor u dan peress li ried jipproteġi lit-tifel tiegħu;

**5.** Illi għalhekk l-intimat naqas li jħallas il-flus dovut minnu lir-rikorrent, flimkien mal-imgħaxijiet li għadhom dovuti sal-lum;

**6.** Illi għalhekk, l-esponent huwa kreditur tal-intimat fis-somma ta' tletin elf, disa' mija u erbgħin euro u sittin ċenteżmu (€30,940.60) oltre l-imgħaxijiet legali mill-14 ta' Novembru 2006, tal-flus dovuti lilu fuq kuntratt;

**7.** Illi permezz ta' ittra uffiċjali bin-numru 2650/2018 datata 21 ta' Mejju 2018, ir-rikorrent interpella lill-intimat sabiex fi żmien jumejn iħallsu lura s-somma kollha hekk dovuta minnhom, iżda l-intimat baqa' ma ħallsu xejn;

**8.** Illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mill-liġi għat-tenur tad-disposizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal Kodiċi tal-Proċedura Civili (Kap. 12) sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ tagħha billi l-ammont fuq imsemmi huwa ċert, likwidu u skadut u billi sa fejn jaf ir-rikorrent, l-intimat ma' għandux ebda eċċezzjoni valida xi jressaq kontro talba għall-ħlas tal-ammont imsemmi.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni oħra li tirriżulta meħtieġa, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din il-Qorti jogħġobha:

**1.** Tipproċedi għas-sentenza skond it-talba tal-attur bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża għat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi tal-Procedura Civili, u lill-intimat sabiex iħallas s-somma ta' tletin elf, disa' mija u erbgħin euro u sittin ċenteżmu (€30,940.60) oltre l-imgħaxijiet legali mill-14 ta' Novmbru 2006, sad-data tal-pagament effettiv.

**2.** Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-25 ta' Lulju 2018, kontra l-intimat li huwa nġunt minn issa għas-subizzjoni, u b'riżerva ta' kull jedd jew azzjoni oħra spettanti lir-rikorrent, kemm għal ħlasijiet oħra kemm għad-danni".

Rat in-Nota preżentata mill-Konvenut fit-28 ta' Jannar 2019 ai termini tal-Artikolu 170(1) tal-kap. 12 li permezz tagħha oppona li l-kawża tiġi trattata bid-dispensa tas-smiegħ għal raġunijiet segwenti:-

> "Li biha jinforma lil din l-Onorabbli Qorti illi l-proċedura bil-giljottina skadiet stante illi din il-kawża ġiet ippreżentata fit-3 ta' Ottubru 2018, ġiet appuntata għas-smiegħ għas-seduta tal-1 ta' Novembru 2018, u l-intimat Stephen Formosa ġie notifikat bl-atti fit-23 ta' Jannar 2019, biex b'hekk al termini **tal-Artikolu 10(2)(b) tal-Avviż Legali 139 tal-2004** din il-kawża ma tistax tibqa' bil-proċedura tal-giljottina kif ġie senjatament deċiż b'sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili Rikors Guramentat Nru. 624/16/LSO Victoria Tabone (ID720149M) u Myriam Chemel Testaferrata Abela (ID 783445M) vs Daniel Orsini (ID 80270M).**
>
> Illi inoltre, huwa għandu eċċezzjonijiet validi x'jagħti stante illi r-rikorrent kien jaf illi intimat qed jikkontesta bil-qawwa t-talba tiegħu b'ittra uffiċjali li huwa ppreżenta fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Awwissu 2018 li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "Dokument ST1".
>
> Illi r-rikorrent ma setax jaġixxi bil-mod li aġixxa ġialadarba kien jaf illi hemm kontestazzjoni u dan stante li l-intimat jikkontendi illi huwa b'kuntratt tat-28 ta' Ġunju 2017 fl-atti tan-Nutar Dottor John Gambin ħallas għalih u għal ibnu s-somma ta' €294,927 12 rappreżentanti flus li l-intimat ħareġ biex huwa u ibnu jkunu jistgħu jakkwistaw il-proprjeta 71/72, Triq il-Karmelitani, Fgura.
>
> Illi dan kollu jista' jiġi kkonfermat minn ċekkijiet li l-istess intimat ħareġ u ġew msarrfa mill-vendituri tal-proprjeta' in kwistjoni kif wkoll mill-istess Nutar Dottor John Gambin.
>
> Illi waqt li huwa minnu illi skond skrittura annessa mar-rikors ġuramentat bħala Dokument A u B tat-8 ta' Novembru 2016 u l-14 ta' Novembru 2016 l-intimat kellu jagħti dawn il-flus lill-attur u filfatt beda jagħmel ħlasijiet akkort sal-25 ta' Jannar 2017, wara dik il-ġurnata huwa ħallas għan-nom ta' ħuh u ibnu s-somma fuq imsemmija bil-kuntratt fuq msemmi biex b'hekk huwa l-attur li huwa debitur tal-intimat u mhux vice versa.
>
> Illi għalhekk, wara li saru dawn il-ħlasijiet mill-intimat għan-nom ta' ħuh u ibnu, l-intimat Stephen Formosa ma kellu jħallas xejn aktar lill-attur għax dawn il-pagamenti kienu oltre minn dak li huwa kellu jagħti lill-istess attur.
>
> Illi l-intimat mill-buona grazia tiegħu peress li kien jaf li ħuh kien qed jgħix fuq assistenza soċjali u ma kellux biex jgħix, huwa ried jgħinu u għalhekk il-proprjeta' inxtrat fuq isem ħuh l-attur bi dritt ta' użufrutt tul ħajtu kollha u dan biex jkun jista' jibqa' jibbenefika mill-assistenza soċjali li huwa kien qed jirċievi.
>
> Illi fiċ-ċirkostanzi huwa m'għandu jagħti xejn lil ħuh għax kull debitu li kellu wara l-25 ta' Jannar 2017 ġie saldat bl-akkwist fuq msemmi".

Rat id-digriet mogħti fil-verbal tat-28 ta' Jannar 2019 permezz ta' liema din il-Qorti, wara li rat l-artikolu 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, deherilha li jeżistu ċirkostanzi fil-liġi li jagħtu jedd lill-konvenut sabiex jopponi t-talba attriċi u ppermettiet lill-istess konvenut sabiex jikkontesta l-kawża u tatu żmien għoxrin (20) jum sabiex jippreżenta r-risposta ġuramentata.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Konvenut preżentata u maħlufa minnu fit-28 ta' Jannar 2019 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:-

> **(1)** "Illi d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huwa m'għandu jagħti xejn il-ħuh waqt li ħuh u ibnu huma debituri tiegħu fis-somma ta' EURO 294,927 12c ossija flus li l-intimat ħareġ biex l-attur u ibnu setgħu jakkwistaw il-proprjeta' 71/72 Triq il-Karmelitani, Fgura: fejn illum jgħix l-istess attur b'kuntratt tat-28 ta' Gunju 2017 fl-atti tan-Nutar Dottor John Gambin li kopja tiegħu qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala **dokument ST2.**
>
> **(2)** Illi l-intimat qed jesebixxi statement of account tal-flus li huwa ħareġ għan-nom ta' ħuh u ibnu b'diversi pagamenti li huwa għamel mit-2 ta' Settembru 2017 sat-12 ta' Settembru 2017 li qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala **dokument ST3.**
>
> **(3)** Illi kif jirriżulta mill-kuntratt ta' akkwist imsemmi l-attur David Formosa huwa usufruttwarju tal-fond imsemmi u minkejja li jippreżenta lilu nnifsu bħala xerrej, huwa ma setgħax jakkwista fuq ismu stante li huwa jgħix bl-assistenza soċjali.
>
> **(4)** IIIi l-intimat ried jgħin lil ħuh u wara li beda jagħmillu pagamenti kif jirriżulta mid-dokument B fil-proċess wara li kien ħallsu akkont Ewro 4,000 sal-25 ta' Jannar 2017 meta beda jagħmillu l-pagamenti skond dokument ST3 mit-2 ta' Settembru 2017 huwa l-attur li ġie debitur tiegħu ta' ċirka Ewro 262,000.
>
> **(5)** Illi dawn tħallsu mill-intimat mhux għax kienu dovuti imma għax l-intimat ried jgħin lil ħuh li kien indiġent biex ikollu post fejn joqgħod u jirriserva li jitlob għall-istess u jipproċedi kontra l-istess ħuh għar-nikjam tal-bilanċ f'każ illi huwa ser jibqa' jippersisti fit-talba tiegħu għal dan il-bilanċ minnu pretiż.
>
> **(6)** Illi l-intimat m'għandu jagħti xejn li l-attur jew lil ibnu imma huwa l-attur li huwa debitur tal-istess intimat.
>
> **(7)** Salv eċċezzjonijiet".

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-24 ta' Marzu 2022 fejn il-kawża tħalliet għal-llum għas-sentenza.

**Punti ta' fatti:**

L-Attur istitwixxa dawn il-proċeduri sabiex ħuh il-Konvenut jiġi kkundannat iħallas lilu s-somma ta' tletin elf disa' mija u erbgħin u sittin ċenteżmu oltre l-imgħaxxijiet legali mill-14 ta' Novembru 2006.

L-attur isostni li din is-somma tirrappreżenta l-bilanċ tal-prezz tat-trasferiment ta' wieħed minn tnax (1/12) sehem indiviż li huwa kellu ta' proprjetajiet f'Amery Street Sliema. Dan it-trasferiment seħħ b'żewġ atti it-tnejn datati 14 ta' Novembru 2006 (a' fol 21 u 32).

**Punti ta' Liġi:**

L-azzjoni eżerċitata mill-Attur hija għalhekk waħda għall-ħlas ta' bilanċ ta' dejn ċert, likwidu u li għalaq.

L-Attur fetaħ din il-kawża bil-proċedura sommarja speċjali stabbilita taħt l-Artikolu 167(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Wara li l-Konvenut ikkontesta din l-azzjoni permezz ta' nota preżentata a' fol 57, din il-Qorti tgħat lilu l-permess li jopponi l-azzjoni u jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu (ara verbal datat 28 ta' Settembru 2019 a' fol 60). Il-kawża għalhekk issoktat timxi bil-proċediment ordinarju ai termini tal-artikolu 170 tal-istess Kap.

**Konsiderazzjonijiet:**

Il-Qorti eżaminat ir-risposta tal-Konvenut biex tifhem ix-xorta ta' difiża li qiegħed jagħti. Huwa stabbilit li l-Qorti għandha tasal biex tifhem ix-xorta ta' azzjoni li jkollha quddiemha, f'dan il-każ l-eċċezzjonijiet tal-konevnut, minn natura tal-ilment u tal-egħmil invokat (ara Sentenza fl-ismijiet **L-Avukat Joseph A. Schembri et -vs- Il-Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali et mogħtija fil-15 ta' April 2014 tal-Qorti Civili Prim' Awla**). Di piu' ġie ribadit, li l-Qorti għandha d-dritt u l-obbligu li tara liema hija verament l-azzjoni li jkun qed jesperita l-Attur (ara **Sentenza Tal-Qorti tal-Appell Civili fl-ismijiet Vincenzo Grecget -vs- Grazia Briffa tal-21 ta' Frar 1958**). Din il-Qorti ma tarax għaliex ma għandiex tapplika l-istess prinċipju fil-każ tar-risposta ġuramentata ossia eċċezzjonijiet tal-konvenut, meta ma jkunx ċar għall-aħħar f'hiex tikkonsisti id-difiża li qed tingħata għat-talbiet Attriċi. Mir-risposta tal-konvenut il-Qorti fhemet, li l-konvenut ma għandu jagħti xejn lill-Attur għaliex jekk qatt, huwa l-Attur li għandu jagħti lill-konvenut tant li fl-aħħar risposta tiegħu irriserva li jekk l-Attur ser ikompli jippersisti għall-ħlas li qiegħed jagħmel f'din il-Kawża, minn naħa tiegħu kien ser jipproċedi kontra l-Attur biex **jirriklama l-bilanċ.**

Dan ifisser, li l-konvenut, jekk qatt jiddeċiedi jipproċedi kontra l-attur, ser ikun qiegħed jitlob biss id-differenza, bejn dak li qiegħed jintalab f'din il-Kawża u kemm qed jallega li għandu jieħu hu, peress li l-ammont li għandu jitħallas jiżboq dak li qed jitlob tal-Attur f'din il-Kawża. Il-Qorti għalhekk waslet għall-konklużjoni li l-konvenut għalkemm ma jgħidix f'tant kliem, fir-rejalta' qiegħed jeċċepixxi it-tpaċija. Di piu', hija t-tpaċija li tista' tingħata bħala eċċezzjoni u mhux talba għar-

rikonoxximent u kundanna ta' kreditu li jekk qatt tista' issir biss b'talba ad hoc permezz ta' rikors ġuramentat jew permezz ta' kontro-talba.

Il-Qorti saħħet din il-konklużjoni anke b'dak li jgħid il-konvenut fl-affidvait tiegħu u ċioe' *"….id-dejn li jippretendi li jiena ghandi ntih jigi maqtul kompletament b'dak li ghandu jtini."* (Emfażi tal-Qorti. Ara affidavit tal-konvenut para 22 a' fol 143). Dan konsonanti ħafna ħafna ma dak li jiddisponi artikolu 1196 tal-Kodiċi Ċivil:

*"(1) Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpaċija.*

*(2) It-tpaċija ssir ipso jure, u wkoll mingħajr ma jkunu jafu d-debituri. Hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed, jinqatlu wieħed bl-ieħor sa fejn ikunu ndaqs."* (Emfażi tal-Qorti).

Skont l-istess Konvenut, din it-tpaċija seħħet bil-flus li huwa ħareġ għall-Attur sabiex xtara proprjeta fil-Fgura, akkwistata b'Att tat-28 ta' Ġunju 2017 (a' fol 67), kif ukoll bil-flus li huwa 'selliflu' fis-snin 2009 sal-2018 (ara eċċezzjonijiet numri 1 u 2 a' fol 65, affidavit Konvenut a' fol 142, transazzjonijiet bankarji markati Dok HSBC 1 a' fol 303, Dok HSBC 2 a' fol 386, Dok HSBC 3 a' fol 524 u Dok HSBC 4 a' fol 590).

Il-prinċipji ġurisprudenzjali marbutin ma' dan l-artikolu 1196 tal-Kap. 16, ġew senjalati tajjeb mill-**Qorti tal-Appell fil-Sentenza fl-ismijiet Middlesea Insurance p.l.c. v. Raymond Avallone tat-28 ta' Ġunju 2018** kif ġej:

*"18. Illi t-tpaċija hija meqjusa mil-liġi bħala waħda mill-modi kif tispiċċa obbligazzjoni (Art. 1145(d) tal-Kap 16). It-tpaċija sseħħ meta tnejn min-nies ikunu debituri lejn xulxin (Art. 1196(1) tal-Kap 16), u sseħħ bis-saħħa tal-liġi nnifisha wkoll jekk mingħajr l-għarfien tad-debituri nfushom, b'mod li hekk kif ikunu jeżistu* ***żewġt idjun fi żmien wieħed*** *joqtlu 'l xulxin safejn ikunu ndaqs (Art. 1196(2) tal-Kap 16). Huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh li, fit-tpaċija, "i debiti si estinguono non dal giorno della sentenza e per effetto di questa, ma dal momento della loro coesistenza (ex tunc), automaticamente, per effetto della legge..." (Torrente Manuale di Diritto Privato, (9a Ediz.), par 246, paġ. 415);*

*19. Illi t-tpaċija tista' titqies bħala ħlas reċiproku li jitfi ż-żewġ obbligazzjonijiet (jekk ikunu ndaqs) fl-istess waqt (Caruana-Galizia Notes on Civil Law : Obligations, paġ. 365). Jekk kreditu wieħed ikun akbar mill-ieħor, it-tpaċija sseħħ sal-ammont tal-anqas wieħed u l-obbligazzjoni tibqa' skond kemm l-akbar kreditu jkun jisboq 'il dak li jkun iċken;*

*20. Illi l-liġi tagħna tagħraf żewġ għamliet ta' tpaċija: dik ex lege u dik konvenzjonali, li ma toqgħodx għar-regoli tal-ewwel forma, imma tiddependi biss mir-rieda tal-partijiet li jiftehmuha (Kumm.****26.11.1984*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Merċieca noe vs Debono noe et*** *(Kollez. Vol:* ***LXVIII.iv.235****). Biex tista' sseħħ it-tpaċija legali jeħtieġ jintwera li (a) jkun hemm żewġ djun fl-istess waqt (ukoll jekk mhux tal-istess qies jew valur), (b) li jirreferu għal tnejn min-nies li huma debitur u kreditur reċiprokament ta' xulxin, (ċ) li jkunu omoġenji (jiġifieri, jkollhom bħala oġġett il-ħlas ta' flus jew ħaġa oħra funġibbli); (d) li jkunu likwidi jew jistgħu*

*jkunu likwidati bla taħbit kbir u jkunu ċerti wkoll f'dik li hija kwantità; u (e) li d-djun ikunu dovuti jew jistgħu jintalbu;*

*21. Illi fir-rigward tad-djun li joqtlu 'l xulxin, id-duttrina tisħaq li biex isseħħ it-tpaċija jeħtieġ li tintwera "l'autonomia dei contrapposti rapporti di credito". Għalhekk il-liġi trid li jkun hemm żewġt idjun separati, u mhux rapport wieħed li minnu jitnisslu pretensjonijiet reċiproċi tal-partijiet. Kemm hu hekk, ingħad b'awtorità interpretativa li "La compensazione suppone l'autonomia dei rapporti ai quali i debiti delle parti si riferiscono, con la conseguenza che, quando si tratti invece di un unico rapporto, o di rapporti accessori, la controversia si traduce in un accertamento di dare e avere, e cioé in una sorta di complesso conteggio, a proposito del quale non puo' parlarsi di compensazione in senso tecnico" (Pescatore e Ruperto Codice Civile Annotato, paġ. 1164);*"

Applikat dan l-insenjament għal każ in eżami, jirriżulta ic*tu oculi* li t-tpaċija eċċepita mil-Konvenut tfalli mir-rekwiżiti kollha li l-liġi teżiġi sabiex dan id-dritt hekk eċċepiet jista' jiġi eżerċitat.

Jibda biex jingħad li ma hemm l-ebda reċiproċitá bejn il-ħlasijiet effettwati mill-Konvenut fil-konfront ta' ħuh l-Attur u d-dejn reklamat mill-istess Attur fil-konfront ta' ħuh il-Konvenut. Dan billi, fi kliem il-liġi u l-ġurisprudenza, ma kienux jikkoeżistu "fi żmien wieħed" u għaldaqstant ma setgħux jiġu mitfija "fl-istess waqt".

Minn eżami tad-dokumenti esebiti ma jirriżultax li l-parti l-kbira tal-flejjes li jsemmi l-konvenut għaddew bħala self kif trid il-liġi. Ma ġew preżentati ebda

skritturi fl-atti li b'xi mod ħolqu obbligazzjoni ta' self ossia *mutuum* fil-konfront tal-Attur u b'biex hekk għamluh debitur fil-konfront tal-Konvenut kif irid it-tieni rekwiżit ta' dan id-dritt ta' tpaċija.

Iż-żewġ skritturi privati li ġew preżentati, datati 9 ta' Frar 2017 (fol 86) u 28 ta' Ġunju 2017 (fol 86), jiddikjaraw espressament li l-Konvenut qed jipprovdi l-fondi għall-akkwist tal-proprjetá fil-Fgura mill-Attur taħt l-obbligazzjoni mhux ta' self, iżda soġġetta għal kondizzjoni li l-Attur u wliedu jivvakaw mid-dar f'tas-Sliema. Din l-obbligazzjoni spiċċat bl-eżekuzzjoni tagħha mill-Attur kif ried il-Konvenut (ara affidavit Attur a' fol 4 u k/eżami Konvenut a' fol 753).

Għalhekk ġaladarba l-Attur esegwixxa l-obbligi tiegħu skont l-aħħar skrittura ma jistax jingħad li hemm xi somma dovuta lill-konvenut. Is-somma li l-konvenut għadda lill-Attur, ma kienet xejn għajr korrispettiv għall-fatt, li l-Attur u wliedu joħorġu mill-post kif fil-fatt jidher li għamlu. Dan qiegħed jingħad limitatament għas-somma imsemmija fl-iskrittura tat-28 ta' Gunju 2017.

Minn dan jemerġi li d-dejn li l-Konvenut jrid bħala radd ta' self, la huwa ċert, la likwidu u lanqas determinat bħala dovut. Għaldaqstant, il-kreditu reklamat mill-Konvenut lanqas jista' jintalab. Dan tant li, minkejja ddikjara li hekk se jagħmel fl-ittra bonarja datata 5 ta' Lulju 2018 (fol 732), il-Konvenut lanqas biss prevala ruħu mit-talbiet attriċi bil-proponiment ta' kontro-talba a tenur tal-Artikolu 396(b) tal-Kap. 12.

Multo magis, tali dejn ma ġie fl-ebda stadju ammess mill-Attur. Huwa anzi ċaħad konsistentement li dawn l-ammonti ingħataw taħt tali obbligazzjoni ta' mutwu

(k/eżami fol fol 708 a' fol 710 sa 727). Fir-rigward tal-flejjes li ġew mogħtija għax xiri tal-proprjetá tal-Fgura, l-Attur jistqarr, kif hekk jirriżulta mill-iskritturi privati, li dawn ingħataw taħt kundizzjoni li jivvaka l-fond (ara affidavit attur a' fol 79 para 10). Il-Qorti issibha stramba ħafna kif fl-istess skrittura ma saret ebda dikjarazzjoni ta' tpaċija u lanqas kien hemm ebda diskussjoni f'dan is-sens mill-partijiet (k/eżami Konvenut a' fol 765). Dan qiegħed jingħad għaliex il-parti kbira tad-djun l-oħra, ħlief għal tnejn li saru fl-2018 fl-ammont ta' €300 jirrisalu għal qabel id-data tal-iskrittura inkwistjoni (ara dokumenti a' fol 145 sa 148).

Fir-rigward tal-flejjes mgħoddija lilu matul is-snin 2009 sal-2018 kif jirriżultaw mid-Dokumenti HSBC 1, 2 u 3, l-Attur jinsisti li dawn jew ma kienx jaf bihom għax saru minn wara daru, jiġifieri mingħajr il-kunsens tiegħu (k/eżami fol 711, 720, 722, 723, 737, 739 faċċata 2), jew li kienu flus mgħoddija għall-akkwist ta' proprjetá mobbli (k/eżami fol 709 u 716, 727, 738) jew li ngħataw gratuwitament jew in kompensazzjoni tas-serviġi prestati mill-Attur lill-ommhom matul iż-żmien li kienet *bedridden* (k/eżami Attur fol fol 708 sa 710 u 717 sa 719, 724, 727, k/eżami Konvenut fol 765 faċċata 2). L-Attur fil-fatt jistqarr li sakemm ġew istitwiti dawn il-proċeduri, huwa qatt ma ġie mitlub ir-radd lura ta' dawn il-flejjes mill-Konvenut, fatt li ġie anke konfermat mill-Konvenut stess (ara k/eżami Attur fol 727 u 728 u k/eżami Konvenut a' fol 764).

Kif ġie konsistentement ritenut, "*l-kompensazzjoni* [tpaċija] *ma tistax tigi invokata bhala li operat ruhha ipso jure ghar-rigward ta' krediti li ma humiex ammessi mill-parti l-ohra (**Kollez. Vol. XXXVII P I p 490**); ma jistax ikun hemm kompensazzjoni meta l-ammont ikun ikkontestat ("**Avv. John Mamo nomine -***

***vs- Edward Borg**", Kummerc, per Imhallef C. Scicluna, 1 ta' Gunju 1990)*" (**Iceberg Refrigeration Services Limited vs Albert Debono nomine**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 12 ta' Jannar 2005; ara wkoll **l-Avukat Dr. Jose' Herrera noe vs Victor Tabone noe**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 2 ta' Novembru 1995).

Japplika għalhekk il-kliem tal-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) fil-kawża **Mark Rota et vs Leslie Hair datata 31 ta' Jannar 2003** u ċioè li "*Fil-kaz de quo ghandek kontestazzjoni manifesta u ghalhekk ma setax il-konvenut arbitrarjament jiddetermina hu li ghandha topera l-kompensazzjoni ("**Patrick Falzon Gough -vs- Albert Mizzi noe**", Appell, Sede Inferjuri, 28 ta' Jannar 1994); Dan anke kieku kellu jitqies li l-attur kien debitur tal-konvenut. Fatt dan li fil-kaz in ezami lanqas biss jezisti*".

Il-konvenut ma jistax jippretendi li jpaċi l-kreditu ċert, likwidu u dovut tal-Attur ma' ammont indeterminat. Lanqas ma huwa legalment konsentit għal konvenut li unilateralment iżid kreditu dovut lilu biex b'hekk jonqos li jħallas dak dovut minnu. Tabilħaqq, "*parti ma tistax, bl-iskuża li għandha topera t-tpaċija, tiffissa kreditu dovut lilha, u avvolja dak il-kreditu jkun kontestat, tinsisti fuq it-tpaċija*." (**C. Fino & Sons Limited v. Polidano Brothers Limited, Qorti Ċivili Prim' Awla, 14 ta' Ottubru 2004**). Tali eċċezzjoni serviet biss bħala rikonoxximent tal-ammont pretiż mill-Attur, kif stqarr il-Konvenut stess fin-nota tiegħu (ara l-paragrafu ta' qabel tal-aħħar fil-paġna ta' qabel ta' l-aħħar).

Ferm il-premess, il-Qorti sejra issa tqis id-dritt tal-Attur li javvanza pretensjonijiet għall-ħlas ta' imgħax. Kif tajjeb spjegat mill-Qorti tal-**Appell fil-kawża Renato Ellul et vs Emmanuel Delicata noe et datata 30 ta' Mejju 2003**, "*Skond l-artikolu 1139 fuq riprodott, l-imghaxijiet li ghandhom jithallsu minhabba d-dewmin fl-esekuzzjoni ta' obbligazzjoni huma kunsidrati bhala "danni" li, skond l-artikolu 1140 huma dejjem dovuti minghajr "ma jkun jinhtieg li l-kreditur jipprova li bata xi telf." Dan stabbilit il-ligi tkompli billi, ghal dak li jirrigwarda meta dawn id-danni jibdew jiddekorru kontra l-obbligat, taghmel distinzjoni bejn obbligazzjonijiet ta' natura kummercjali, fejn l-imghaxijiet bit-tmienja fil-mija jibdew jiddekorru immedjatament minn meta l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita, u dan indipendentement minn kwalunkwe interpellazzjoni ufficjali jew att gudizzjarju; u dawk l-obbligazzjonijiet l-ohra kollha – mhux ta' natura kummercjali – meta l-imghaxijiet jibdew jiddekorru minn dak in-nhar "illi ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju* [artikolu 1141]."

L-Attur qed jitlob għal-ħlas ta' imgħax kummerċjali, jiġifieri imgħax dekorribli minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi eżegwita, ossia mill-14 ta' Novembru 2006. Madanakollu, l-obbligazzjoni relattiva għat-tieni talba attriċi hija waħda ta' natura ċivili u mhux kummerċjali. Dan billi l-partijiet ma humiex kummerċjanti bil-mod kif jiddisponi l-artikolu 4 tal-kap. 13. Lanqas l-obbligazzjoni nnifisha ma tikkostitwixxi att ta' kummerċ annoverat fost l-elenku dettaljat fl-artikolu 5 tal-Kap. 13. Għaldaqstant l-imgħaxxijiet dovuti lill-Attur in linea ta' danni minħabba inadempjenza tal-Konvenut obbligat għandhom jiddekorru sont kif jipprovdi s-sub-inċiż 2 tal-imsemmi Artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili. Dan jiġifieri minn dak in-

nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, ossia mill-25 ta' Lulju 2018 (ara ittra uffiċjali a' fol 8).

**<u>Decide:</u>**

Għaldaqstant u għar-raġunijet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Konvenut.**

**Tilqa' t-tieni talba Attriċi** u tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-Attur s-somma ta' tletin elf, disa' mija u erbgħin Euro u sittin ċenteżmu (€30,940.60) oltre l-imgħaxxijiet legali mid-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali fil-25 ta' Lulju 2018, sad-data tal-pagament effettiv.

**L-ispejjeż**, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-25 ta' Lulju 2018, jitħallsu mill-Konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**